Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IT-TMIEN LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 14
# Il-Gimgha 26 ta'Gunju 2020

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier (Harget 18:55)
Emanuel Brincat : Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

14.1.01 Il-Kunsilliera kienu kollha preżenti.

**14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

14.2.01 Il-Minuti ta'Seduta L8-13 ittieħdu bħala moqrija
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

14.3.01 B'referenza għall-minuti 13.8.01 id-data tal-laqgħa ġiet posposta għal Ġimgħa 26 ta'Ġunju b'ftehim unanimu wara li talba minn numru ta'kunsilliera għal raġunijiet ta'impenji oħra.

14.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li se kien hemm laqgħa ma'rappreżentanti tal-FTZD biex jaraw ix-xogħol li jista' ssir mill-ħaddiema tagħhom madwar l-Imsida fejn se jippruvaw sa fejn jistgħu ilestu xi xogħolijiet f'Misraħ 5 ta'Ottubru u jirranġaw il-gazebo qabel il-Festa.

14.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti b twaqqif ta' Social Care Standards Authority fejn din titlob li operazzjonijiet relatati mad- Day Centre ikunu liċenzjati għalhekk qed ssir konsultazzjoni mal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità li huma l-operaturi tad- Day Centre biex jaraw dawk l-affarijiet meħtieġa skont il-kriterji għal applikazzjoni tal-liċenzja u tiġdid għal ftehim bejn il-Kunsill u l-AAKK.

14.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 498.C.2020 fejn għarrfet lill-kunsilliera preżenti li matul il-leġislatura preċedenti saret applikazzjoni għal tlett bus shelters ġodda fejn l-operatur avża li tnejn minnhom Ganni u Qroqq2 ġew approvati filwaqt li għadhom qed jaħdmu fuq Qroqq5

14.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 531.C.2020 biex tat dettalji dwar it-toroq tal-purċissjoni bil-vara ta'San Guzepp nhar il-festa fit-19 ta'Lulju.

14.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 522.C.2020 u spjegat kif se jibda jitħaddem il-PA funding under Development Planning Fund. Hawn kompliet tispjega li L-Kunsill għandu 80% tal-fondi u l-20% jistgħu jiġu wżati minn NGO biex isir proġett ambjentali ,izda għad trid titlob laqgħa minħabba biex jkun spjegat kif u f'hiex naqsu l-fondi msemmija meta mqabbla ma ċifri ta'sena preċedenti.

14.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 508.C.2020 u spjegat dettalji dwar l-iskema 2 tal-Housing Authority li se jibbenefikaw żewġt blokki ta'appartamenti go Triq Princess Margaret.

**14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

14.4.01 B'referenza għall-minuti 13.3.02 għal suġġerimenti biex jissemmew żewġt toroq ħalli jiġu preżentati għal kunsiderazzjoni tal- Kumitat għat-Tismija ta'Toroq, is-Sur Emanuel Brincat ippropona li dik K/M ma' Triq il-Ħarrub toroq tiġi msemmija għas-Sur Edmond Cefai li kien trejdunjonista u l- oħra K/M ma' Triq il-Knisja t'issemma għal Lisa Zammit.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li hemm trejqa oħra bejn Triq Mons I. Zammit u Triq Indrì Grima li hemm bżonn tingħata isem.
Is-Sur Maurice Agius issuġġerixxa biex flok is-Sur Edmond Cefai dik K/M ma' Triq il-Ħarrub t'issemma L-aħwa Cefai li kienu t-tnejn trejdunjonista filwaqt li dik it-trejqa bejn Mons I. Zammit u Triq Indrì Grima kienet t'issemma għal Kilin.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li għalkemm it-tnejn kellhom rabta mal-union u taw is-sehem tagħhom hemm differenza bejn it-tip ta' ħidma li wettqu.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li dawn il-proposti jiġu mwassla għand Kumitat għat-Tismija ta'Toroq għal kunsiderazzjoni tagħhom.

14.4.02 B'referenza għall-minuti 13.4.01 dwar talba għal- bankina quddiem il-bieb fil- ġenb tal-Guest House go Triq Robert Naudi is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma kienx hemm żviluppi.

14.4.03 B'referenza għall-minuti 13.4.03 dwar ħsarat fuq it-tabelli tal-Merħba go Triq Rue D'Argen, is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil kunsilliera preżenti kif Il-kuntrattur għarrfu li l- Bank li qed jiffinanzja dawn it-tabelli u se jsewwi il-ħsara iżda ma' japprovawx li ssir wkoll il-parti ta'wara bil-kliem Saħħa. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega li talab lill-kuntrattur disinn u stima ħalli din jieħu ħsieb li ssir mill-Kunsill. Hawn il-kuntrattur wieġeb li se jara jerġax jkellem lil bank forsi jekk jaraw li l-Kunsill xorta se jagħmilha dawn jibdlu l-fehma tagħhom.

14.4.04 B'referenza għall-minuti 13.4.04 is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk kienx hemm risposta mill- Ministeru għal- Byelaw Xorb alkoħoliku.
Is-Segretarju wieġeb li sal-ġurnata għadu ma kienx hemm żviluppi.

14.4.05 B'referenza għall-minuti 13.4.05 dwar l-aċċess għal-kameras li hemm installati fuq l-iskall mill- Għaqda tad-Dgħajjes, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk id-dettalji mgħoddija kienux tajbin.

Is-Sindku wieġbet li dawn kienu link u screen shot bl-istruzzjonijiet ta'kif tidhol iżda ma' setgħetx tidhol.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li fis-seduta preċedenti kien msemmi il-bżonn biex tibda l-konsultazzjoni meħtieġa mal-Għaqda tad-Dgħajjes u dawk kollha konċernati.

14.4.06 B'referenza għall-minuti 13.4.06 ix-xogħol biex jiġi nstallat sistema għal- fire alarm fil-binja tal-kunsill huwa lest u kummissjonat.

14.4.07 B'referenza għall-minuti 13.4.09 is-Sur Maurice Agius dwar il-parkeġġ abbużat minn kumpanija kummerċjali go Misraħ 5 ta'Ottubru fejn issuġġerixxa biex niktbu lill-Kummissarju.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

14.4.08 B'referenza għall-minuti 13.4.11 dwar il-problema ta'aċċess għal garaxxijiet ġol parti li ngħalqet fi Triq Achille Ferris, is-Segretarju Eżekuttiv informa lil kunsilliera preżenti li I.M

għarrfet lil Kunsill Lokali li kien hemm laqgħa mas-sidien fejn

dawn qalgħu li se jieħdu ħsieb biex tinbidel l-istruttura u meta din tkun lesta l-IM se tieħu ħsieb tagħmel l-asfaltar biss. Għalhekk kull responsabiltà minħabba il-periklu hija tas-sidien kif indikat fl-email li kull kunsillier irċieva .Ma dan il-kunsill ġie wkoll mgħarraf mill- Perit privat permezz ta'email li dan il-proġett issa għadda għand kumpanija ta'periti differenti li se tkun responsabbli hi.

14.4.09 B'referenza għall-minuti 13.4.12 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk saritx l-applikazzjoni għal d-disable parking komuni go Triq Victor Denaro.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din saret.

14.4.10 B'referenza għall-minuti 13.4.16 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk ġiex approvat il-permess għal proġett tal-promenade go Triq Xatt Ta'Xbiex.
Is-Sur Charles Selvaġġi qal li fis-seduta preċedenti li xtaq jkun jaf hu li jekk wara li ssir kemm ix-xogħol ta'drenaġġ u dak tal-promenade jekk hux se jkun hemm anke ix-xogħol ta'tarmak u jekk dawn ix-xogħolijiet hux ser jaffetwaw lill xulxin.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li fuq ix-xogħol ta'drenaġġ għanda laqgħa mal-Periti tal-WSC fil-ġranet li ġejjin fejn se tingħata dettalji ta'kif se jsir ix-xogħol filwaqt li l-proġett tal-promenade għadu fil-proċess ta'approvazzjoni mill-PA u ovvjament it-tarmak isir wara.

14.4.11 B'referenza għall-minuti 13.4.17 dwar katusi tal-bejt ma' binja go Triq Makna tas-Serrar li qed tarmi gelgul ta' ilma tax-xita dirett fuq il-bankina, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk dan jistax jintalab jirranġa il-katusi tal-bejt b'estensjoni.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li kien għadu ma' marx jara il-katusi iżda se jara x'jista' ssir.

14.4.12 B'referenza għall-minuti 13.5.04 biex issiru bollards u jingħalaq l-aċċess għal vetturi go Misraħ San Guzepp qabel il Pietà , is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li mar fuq il-post biex jara kif dan jista' jingħalaq fejn waħda mis-soluzzjonijiet hi relatata wkoll mal-minuti 13.5.16 dwar bike rack u tista' sservi ta'skop doppju.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li din ssir sakemm din tkun tista' tiżżarma faċilment jekk ikun hemm raġunijiet validi biex jidħlu vetturi għal xogħol ta'manutenzjoni fil-ġnien.

14.4.13 B'referenza għall-minuti 13.5.06 biex ssir xi sardinell go xi zoni ċentrali mad-dawra tal-Imsida , Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li wara konsultazzjoni flimkien mas-Sur Alfred Farrugia mal-ġardinar dan ta'parir biex dawn ma jsirux issa għax wara ftit ġranet kollox jinħaraq u spejjez għal xejn.

14.4.14 B'referenza għall-minuti 13.5.07 Is-Sinjura Judy Sciberras issuġġeriet biex jekk possibbli naraw min ħadem il-plakka fil-monument taż-żagħżagħ biex inkellmu lilu.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota biex ssib id-dettalji ta'min għamel ix-xogħol.

14.4.15 B'referenza għal- minuti 13.5.14 is-Sur Jean Claude Borg tkellem fuq id-disinn tal-pedestall li huwa lest u se jiġbor kollox fil-ġranet li ġejjin meta jkun lest il-pagament.

14.4.16 B'referenza għall-minuti 13.6.03 dwar ir-rapport mill- Kumitat Offerti għas-sejħa KLMsd 3 2019, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li d-deċiżjoni ġiet imtela fuq l-Epps u ma kienx hemm appell. Għalhekk se jieħu ħsieb jibda biex jipprepara sejħa ġdida.

14.4.17 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa x'fadal ssir mill-lista tal-ewwel grupp ta' toroq residenzjali li se jsiru minn I.M
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li fadal triq Sta. Venera mill-ewwel lista apparti saru oħrajn li ma kienux imniżżlin. It-2 grupp huma Triq it-Torri, Triq Ta'Xmiexi, Triq tal-Qroqq, Triq Nazju Falzon u Triq Bieb it-Torri.

14.4.18 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar meta se jibda l-bini tal-Housing go Triq il-Wied.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li dan kien wieqaf sakemm twaqqaf il-kuntrattur u inbidel iżda fil-mument ġo-sit diġà hemm xi makkinarju li qed jagħmel xi xogħolijiet.

14.4.19 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar kemm kien hemm ċitazzjonijiet fuq skart.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma għandux dik l-informazzjoni iżda se jipprova jiġbor xi dettalji.

**14.5 Items oħra ta’ Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

14.5.01 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar pjan biex jara x'hemm bżonn go kull triq biex ssir xogħol ta' manutenzjoni bħal patching ,kisi fuq bankini , sinjali ta'toroq u jinbidlu jew jiżdiedu tabelli skont il-bżonn. Dan ix-xogħol ġa beda u qed ssir in-naħa tal-Junior College u titkompla kull triq sakemm tkun lesta iz-zona kollha. Wara jitkomplew bl-istess mod zoni oħra.

14.5.02 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar xi attivitajiet jistgħu ssiru wara li spiċċaw xi restrizzjonijiet tal-Covid 19 u ppropona biex għall Sajf fil-Pjazza dawn issiru minn Awissu sa Settembru.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

14.5.03 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-pompi tal-funtani u qal li l-Kunsill kien ħa deċiżjoni biex dawn ssiru.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li dawn huma inklużi fl'MOU minn TM, li hemm għat-tiswija segwit minn ftehim għall -manutenzjoni tal-funtani fejn hija nfurmata li daqt jibda l-ewwel xogħol fuq is-sistema tal-Monument tal-Ħaddiema.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera li dawn ġa għamlu kuntatt mal-Kunsill biex inżommu xi materjal li se jintuża għax-xogħol relatat.

14.5.04 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-possibilità li ssir crash barrier ma' central strip go Triq Mons Carmelo Zammit

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din kien ġa kiteb dwar is-suġġett lill TM fejn dawn approvaw. Hawn kompla jispjega li ġa bagħat għall stimi minn diversi kumpaniji fejn waħda biss bagħtet lura fejn din tinvolvi spiża l’fuq minn 2,500 euro.

14.5.05 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-possibilità biex ssiru xi bins go Triq il-Wied.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

14.5.06 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-possibilità biex fejn jkun hemm bżonn issir power wash b’mod speċjali fil-Misraħ u ħdejn il-Knisja.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li hemm MOU u dawn ġieli saru mill- Cleansing Department u se tara jekk dawn jistgħux jieħdu ħsieb.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għalkemm dan huwa msemmi fil-programm ta'ħidma iżda għadu qed jara x'hemm bżonn u kif dan jista' ssir.

14.5.07 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar it-talba għall road humps go Triq L-Zamenhof.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa kiteb dwar is-suġġett għall permessi meħtieġa minn TM

14.5.08 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda talba minn residenti għall road hump minħabba sewqan esaġerat go Triq Johnny Catania k/m Triq it-Tabib R.Naudi.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw. Għanda ssir l-applikazzjoni għall-permessi meħtieġa biex din ssir.

14.5.09 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar bżonn li jsir xi xogħol fuq rampa go Triq Zakkew k/m ma Triq H.Calleja Schembri.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

14.5.10 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il- bżonn biex Misraħ il-Barrieri k/m Censu Farrugia tiġi one way l-isfel.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li se jara sew fuq pjanta ta'zona kif din tista' ssir.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

14.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda talba għal danni ta' 100 euro kawżati fuq rota ta'karozza minħabba ħofra indikata li hija go Triq Achille Ferris.
Is-Sinjura Judy Sciberras dikjarat konflitt ta'interess u ħarġet mis-seduta.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew it-talba u qablu unanimament li l-kunsill għandu jilqa' sa 50% tat-talba li f'dan il-każ jammonta għall-50euro.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

14.5.12 Is-Sur Emanuel Brincat poġġa fuq il-mejda il-pjanti bis-sulari addizzjonali fejn ppropona biex dawn ma jkunux irtirati il-ġewwa ħalli jkun hemm aktar spazju fil-binja fejn is-Sur Maurice Agius s-sekonda l-proposta.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

14.5.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar Jum l-Imsida li se jkun nhar il-Ġimgħa 10 ta'Lulju fejn spjegat li minħabba c-ċirkustanzi ta'Covid 19 għall din is-sena ma jkunx opportun li jkun hemm Mertu Msida u attivitajiet relatati ma Ġimgħa Msida bħal snin oħra .

Is-Sur Charles Selvaggi filwaqt li qabel mas-Sindku ppropona biex flok Mertu Msida jingħata apprezzament mill-Kunsill lill dawk il-ħaddiema li jaħdmu f'Mater Dei li ħadmu bla qies matul dawn l-ahhar xhur minħabba l-Covid 19.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li hija taqbel u tas-sekonda din il-proposta filwaqt li tħoss li kien hemm ħafna aktar ħaddiema minn setturi differenti li baqgħu jagħtu servizz utli skont kif talbu dawn iċ-ċirkostanzi. Għalkemm ma tistax tagħti apprezzament lill kulħadd hija tal-fehma li għandha tipproponi wkoll lill pulizija li ħadmu fl-Imsida wkoll.

Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament li għandu jiġi ppreżentat token bħala apprezzament waqt ċerimonja ġewwa il-Kunsill nhar Jum l-Imsida.

14.5.14 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda korrispondenza u 477:C:20 applikazzjoni biex il-kunsill jkun jista' jieħu pagamenti relatati mas-servizzi permess tal-Epos tal-Bank.

Is-Sur Charles Selvaggi ġibed l-attenzjoni li jista' jkun hemm ma dan xi tip ta'ħlas.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn ic-charges ġew kunsidrati u jiddependi minn kemm huma. Hawn kompla jispjega li fil-mument il-kunsill qed iħallas kważi 30 euro kull darba li hemm bżonn ta'servizz ta'sigurtà għall trasferiment ta' depożiti lejn il-bank irrelevanti mill-ammont ta'valur li jista' jkun baxx .Meta ssir analiżi ta'dak li l-kunsill qed jieħu ma dak li qed jithallas għall dawn is-servizzi jew ic-charges oħra li se jkun hemm imposti fuq tisrif ta'cheque wieħed jikkonkludi li ħlas bl-Epos jew internet banking li jmur dritt ġol kont huwa aktar vantaġġuż f'termini ta'spejjez minn ħlas għall servizz ta'trasferiment.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament biex dan is-servizz jidħol.

14.5.15 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li waqt il-festa se jkun hemm xorta numru ta'attivitajiet limitati skont iċ-ċirkustanzi Covid 19 fosthom il-ġostra. Minħabba kif l-Imsida hi maqsuma u mimlija bini, bħal kull sena il-kunsill ħa ħsieb b'kordinazzjoni mal-Protezzjoni Ċivili biex jilqa' għall xi aċċidenti għalhekk pproponiet li għal jum tal-festa biss jinġabu fire engine u l-ambulanza għall waqt l-attività tal-Ġostra organizzata flimkien mal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

14.5.16 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba biex bħal snin oħra tkun organizzata tombla matul is-sajf mill-klabb tal-boċċi
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li din ssir skont il-permessi meħtieġa mill-awtorità tal-logħob u dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill fis-sena preċedenti.

14.5.17 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda żewġt talbiet biex bħal snin oħra jiġu organizzati Majjalata mill -barman u BBQ mill-Għaqda Melita Banda San Guzepp go Misraħ 5 ta'Ottubru nhar is-Sibt 18 ta'Lulju.
Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li dawn huma attivitajiet u jistgħu ssiru basta l-organizzaturi josservaw dawk il-kundizzjonijiet mitluba mill-awtoritajiet kompetenti skont iċ-ċirkustanzi tal-mument. Hawn kompla jispjega li fil-mument hemm anke min qed jistaqsi għall-permessi ta'gabbana jew siġġijiet u mwejjed iżda sal-mument għad ma hemmx xejn ċar ħlief li se ssir purċissjoni nhar il-festa fejn it-toroq jinżammu magħluqa biss sakemm din tgħaddi u targa tiftaħ għat-traffiku.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li sakemm ma jinbidlux l-affarijiet li jippermettu biex jinħargu permessi għall-festa, din is-sena t-tip ta'permessi msemmija dawn ma joħorġux. Filwaqt li għall attivitajiet tal-majjalata u BBQ dawn għandhom issiru sakemm il-pulizija tippermetti skont dawk il-kundizzjonijiet meħtieġa tal-awtoritajiet kompetenti u kundizzjonijiet oħra tal-Kunsill kif stabbiliti fis-sena preċedenti.

14.5.18 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba mill-Għaqda Melita Banda San Guzepp biex minħabba r-restrizzjonijiet Covid 19 u xi xogħolijiet li qed ssiru fuq il-bejt tal-każin ir-riċeviment annwali ta' waqt il-ġimgħa tal-festa jsir go Misraħ San Guzepp.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u għalkemm unanimament fehmu li minħabba iċ-ċirkustanzi Covid 19 riċeviment ġewwa il-każin mhux l-aktar wieħed ideali xorta ma jistgħux jagħtu kunsens biex dan ssir go Misraħ San Guzepp.

14.5.19 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda l-applikazzjoni għall-proġett konġunt Slow Streets b'inizjattiva mill-AKL u bejn il-lokalitajiet minn San Ġiljan sal-Imsida bil-għan li jkunu identifikati toroq li jistgħu jingħalqu temporanjament għat-traffiku u biex jippermetti għall-użu aħjar mill-pubbliku waqt ċertu ġranet , ħinijiet jew okkażjonijiet. Hawn spjegat li dan jikkonsisti f'studju li jwassal għall-analiżi u rapporti b'proposti ta'fejn jistgħu jingħalqu toroq għall dan l-iskop.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

14.5.20 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda proposti għall-proġett Spinning Photos imnedija minn fondi tar-Regjun Ċentru biex kull kunsill jagħżel knisja biex tkun tista' tidher b'mod virtwali permezz ta'apparat elettroniku. Dan huwa stmat li jiswa lill kull kunsill 1000 euro li wara jingħataw lura lill kunsill mal-preżentazzjoni ta'riċevuti.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

14.5.21 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda proposti għall-proġett minn fondi tar-Regjun Ċentru sabiex tiġi aġġornata jew korretta informazzjoni li hemm online fuq Wikipedia. Dan huwa stmat li jiswa lil kull kunsill 384.62 euro li wara jingħataw lura lil Kunsill mal-preżentazzjoni ta'riċevuti.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

14.5.22 s-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda pjanti u spjegat żewġt proposti għal-parkeġġ go Triq il-Wied.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament ma proposta numru 2.

**14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

14.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta r-rapport mill- Kumitat Offerti għas-sejħa KLMsd 1 2020 għal manutenzjoni ta'dawl fit-toroq residenzjali fejn spjega fid-dettal il-proċess tal-evalwazzjoni u għala l-kumitat qed jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu biex l-unika offerta li kienet konformi ma' dak mitlub fis-sejħa tkun aċċettata.

Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u qablu unanimament li tkun aċċetta ir-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat.

**14.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

14.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-14 ta' ħlasijiet bejn 28 ta' Mejju 2020 sa 26 ta'Ġunju 2020 għall-approvazzjoni tal-Membri. <Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar 119-122 li huma għall ġbir ta'skart iżjed mill-bins pubbliċi barra mill-iskeda normali tal-ġimgħa>.

Mizjuda:<Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar 119-122 li huma għall ġbir ta'skart iżjed mill-bins pubbliċi barra mill-iskeda normali tal-ġimgħa>

L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Jean Claude Borg u s-sekondat mis-Sur Nicholas Joseph Chircop.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**14.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

14.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:40 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun il-Ħamis <30ta'Lulju> 2020 fil-5:30 p.m

Mibdula:<30ta'Lulju>

Minuti konfermati, illum il-Ħamis 30 ta' Lulju 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |